# LILL-KRUHA

*Ta' VAL. V. BARBARA, O.P.*

Taf tgħanni, Kruha? Tħares xejn biċ-ċiera!
Iskot, tidgħix; ma ġejtx ngħaddi ż-żmien bik.
Xi jgħodd jekk leħnek hu li hu? Ma tafx
Li d-dinja llum għamlitek alla tagħha?
Halliha tifraħ bik, agħtiha ġismek,
Għax ruħek, li mill-qedem serqithielek,
Sal-lum nittnitha bħal kelb mejjet f'miżbla.
Hallilha issa ġismek, hejjihulha
Għarwien kif kien Adam wara t-tuffieħa.
Iblah li jien! Diġà għamlitu tagħha,
Qed turihulna ta' kuljum fuq xtutna,
Fil-pjazez u t-triqat tal-bliet u r-rħula,
Fl-irkejjen mudlamin tal-ġonna tagħna,
Karozzi u bankijiet, industrji u ħwienet . . .
Kull dar moderna u villa għandha niċċa
Għalik fuq ras is-sodda. F'dawl ta' xemgħa,
Fis-swali maħnuqin b'żgħożija mħallta,
Tiela' quddiemek bħur jitlef l-irjus
U jqabbad il-ħuġġieġa tal-passjoni.
Il-fqir jiġbidlek sieqek, l-għani rasek,
Kulħadd jaħtaf irid fejn jaqbel lilu.
Int ġmielek! rieqda r-raqda ta' l-arazzi,
W għalxejn ħaddiem nisrani ried iqajmek.
Li fuqu x-xemx qed tisreġ tal-ħelsien.
Qum, Kruha, qum, f'ġieh dan il-jum li sebaħ,
Oħroġ għad-dawl, leħnek werżieqi semma'
F'widnejn il-pupi sbieħ b'xagħ'rhom tal-'Beatles';
Xejn tisthi minnhom, mur iżżagħbel magħhom,
Għallimhom l-għanja li għannejt fil-gwerra
Tas-sema qabel il-ħolqien tad-dinja.
Illum hija l-quċċata ta' saltnatek:
Mel'ifraħ, għanni, għax qasira l-ħajja.
Ftit ieħor baqa', imbagħ'd għal dejjem tidħol
Fl-imkien sħun u dejjiemi li s-Sħubija
Hejjiet għalik w għall-anġli kollha tiegħek.

14.9.1965.



## ITTRA TAR-REV.DU PATRI ĠENERAL LILL-W.R.P. SERAFIN M. ZARB, O.P., FL-OKKAŻJONI TA' GĦELUQ IL-50 SENA TA' ĦAJJA RELIĠJUŻA

*Miġjuba bil-Malti minn P. VALENTIN BARBARA, O.P.*

Kurja Ġeneralizja ta' L-Ordni tal-Patrijiet Predikaturi

Wisq Revdu. P. Pronvinċjal,

F'dan il-jum importanti u ta' ferħ li fih jaħbat għeluq il-50 sena mill-professjoni reliġjuża tiegħek, nixtieq li, f'ismi u f'isem l-Ordni kollu, nibgħat nifraħlek ħafna minn qalbi. F'din l-okkażjoni jogħġobni ħafna niftakar fil-merti kbar tiegħek li jistħoqqulek għas-servizz li tajt lill-Ordni u lill-Knisja f'dawn il-50 sena ta' ħajja reliġjuża Dumnikana.

Nieħu gost niftakar fis-snin henjin li għaddejna flimkien fl-*Angelicum*. Tferraħna ħafna t-tifkira tal-ħajja eżemplari tiegħek bħala reliġjuż twajjeb u tal-fama li ksibt bħala professur mill-aħjar ta' l-Eseġesi. Int imbagħad ġejt maħtur bħala professur fl-Università ta' Malta, fejn għal bosta snin għallimt it-Teoloġija Dommatika b'ħila kbira, b'kotra ta' frott u b'għoġba ta' kulħadd. Jinħtieġ insemmu s-sehem kbir mogħti minnek ukoll f'dawn l-aħħar snin b'riżq l-Istudju Provinċjali li jinsab fil-Kunvent ta' S. Piju Ħamsa r-Rabat.

Flimkien mat-tagħlim skolastiku int wettaqt ukoll apostolat imħeġġeġ u ħabrieki bħala Direttur tar-Rivista "Scientia", bil-kitba ta' bosta artikoli u kotba ta' siwi kbir, bil-priedki u l-konferenzi li għamilt biex ixxerred u tħares it-tagħlim tajjeb u sod. Xieraq ukoll li ninnutaw kemm it-tagħlim tiegħek, bil-fomm u bil-kitba, kien dejjem imżejjen bil-qawwa, bl-oriġinalità u bil-fedeltà għall-Maġisteru tal-Knisja u għad-dottrina ta' S. Tumas.

Għal dawn il-merti kbar kollha, l-Ordni ried jippremjak billi tak il-Maġisteru fit-Teoloġija Mqaddsa; l-awtoritajiet ċivili wkoll, flimkien ma' għaqdiet xjentifiċi, għoġobhom jonorawk b'ħafna xhidiet u għotjiet ta' ġieħ.

Imma din il-ħidma apostolika kbira u kotrana xejn ma kienet għalik ta' tfixkil biex int stajt tagħti servizzi mill-aħjar lill-Provinċja ta' Malta u lill-Ordni kollu bħala Superjur tal-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt u bħala Provinċjal maħtur għat-tieni darba. F'dan